

Il-Ġurnal Uffiċjali C 136

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 57

6 ta' Mejju 2014

Werrej

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2014/C 136/01	Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata (Każ M.7206 — Bain Capital/Anchorage Capital/Ideal Standard) ⁽¹⁾	1
---------------	---	---

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Kummissjoni Ewropea

2014/C 136/02	Rata tal-kambju tal-euro	2
2014/C 136/03	Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar rapporti ta' referenza skont l-Artikolu 22(2) tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali	3

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

2014/C 136/04	Lista tal-awtoritajiet kompetenti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2009/39/KE dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari ⁽¹⁾	19
---------------	--	----

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI
U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Ebda oppożizzjoni għal konċentrazzjoni notifikata

(Każ M.7206 — Bain Capital/Anchorage Capital/Ideal Standard)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 136/01)

Fit-28 ta' April 2014, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma topponix il-konċentrazzjoni notifikata msemmija hawn fuq u li tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern. Din id-deċiżjoni hi bbażata fuq l-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾. It-test sħiħ tad-deċiżjoni hu disponibbli biss bl-Ingliż u ser isir pubbliku wara li jitneħħa kwalunkwe sigriet tan-negozju li jista' jkun fih. Dan it-test jinstab:

- Fit-taqsima tal-amalgamazzjoni tal-websajt tal-Kummissjoni dwar il-Kompetizzjoni (<http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/>). Din il-websajt tipprovdi diversi faċilitajiet li jgħinu sabiex jinstabu d-deċiżjonijiet individwali ta' amalgamazzjoni, inklużi l-kumpanija, in-numru tal-każ, id-data u l-indiċi settorjali,
- f'forma elettronika fil-websajt EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/en/index.htm>) fid-dokument li jgħib in-numru 32014M7206. Il-EUR-Lex hu l-aċċess fuq l-Internet għal-liġi Ewropea.

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Il-5 ta' Meju 2014

(2014/C 136/02)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,3874	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5242
JPY	Yen Ġappuniż	141,44	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	10,7557
DKK	Krona Daniża	7,4639	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,5996
GBP	Lira Sterlina	0,82293	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,7343
SEK	Krona Żvediża	9,0844	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 427,24
CHF	Frank Żvizzeru	1,2174	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	14,5833
ISK	Krona Iżlandiża		CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	8,6645
NOK	Krona Norveġiża	8,2605	HRK	Kuna Kroata	7,5965
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	15 980,13
CZK	Krona Ċeka	27,436	MYR	Ringgit Malażjan	4,5177
HUF	Forint Ungeriż	308,09	PHP	Peso Filippin	61,739
LTL	Litas Litwan	3,4528	RUB	Rouble Russu	49,7115
PLN	Zloty Pollakk	4,2087	THB	Baht Tajlandiż	44,882
RON	Leu Rumun	4,4402	BRL	Real Brażiljan	3,0909
TRY	Lira Turka	2,9132	MXN	Peso Messikan	18,0938
AUD	Dollaru Awstraljan	1,4975	INR	Rupi Indjan	83,3800

⁽¹⁾ Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI**Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar rapporti ta' referenza skont l-Artikolu 22(2) tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali**

(2014/C 136/03)

WERREJ

1. Introduzzjoni	3
2. Għan ta' din il-gwida	4
3. Ambitu ta' din il-gwida	4
4. Dispożizzjonijiet legali dwar ir-rapport ta' referenza	4
4.1. Test rilevanti fl-IED	4
4.2. Kelmiet u frażijiet ewlenin użati fl-IED	6
4.3. Direttiva dwar il-Miżbljet	6
5. Stadji fil-produzzjoni ta' rapport ta' referenza	7
5.1. Stadju 1: Identifikazzjoni tas-sustanzi perikolużi attwalment użati, prodotti jew rilaxxati fl-installazzjoni	9
5.2. Stadju 2: Identifikazzjoni tas-sustanzi perikolużi rilevanti	9
5.3. Stadju 3: Valutazzjoni tal-possibiltà ta' kontaminazzjoni speċifika għas-sit	10
5.4. Stadju 4: Storja tas-sit	11
5.5. Stadju 5: Sitwazzjoni ambjentali	12
5.6. Stadju 6: Karatterizzazzjoni tas-sit	13
5.7. Stadju 7: Investigazzjoni dwar is-sit	13
5.8. Stadju 8: Produzzjoni tar-rapport ta' referenza	15
Appendiċi — lista tal-kontroll għall-investigazzjoni u għar-rapport ta' referenza	17

1. INTRODUZZJONI

L-Artikolu 22(1) tad-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali (IED) tistipula li, "Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2000/60/KE, għad-Direttiva 2004/35/KE, għad-Direttiva 2006/118/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar il-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art kontra t-tniġġis u d-deterjorament⁽¹⁾ u għal-liġi rilevanti tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-ħamrija, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għal permess biex tkun żgurata l-konformità mal-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet".

L-Artikolu 22, il-paragrafi 2 sa 4, fi h dispożizzjonijiet għal waqfien definittiv ta' attivitajiet li jinvolvu l-użu, il-produzzjoni jew ir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi rilevanti sabiex jipprevjenu u jindirizzaw kontaminazzjoni potenzjali tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art minn dawn is-sustanzi. Għodda ewlenija f'dan ir-rigward hija l-ħolqien ta' "rapport ta' referenza". Meta attività tinvolvi l-użu, il-produzzjoni jew ir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi rilevanti, u meqjusal-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art, għandu jitħejja rapport ta' referenza qabel il-bidu tal-operat tal-installazzjoni jew qabel ma permess għal installazzjoni jiġi aġġornat għall-ewwel darba wara s-7 ta' Jannar 2013. Ir-rapport se jservi ta' referenza għal tqabbil mal-istat ta' kontaminazzjoni mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet. Fejn informazzjoni pprovduta skont liġi nazzjonali oħra jew tal-Unjoni tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu, dik l-informazzjoni tista' tiġi inkluża jew annessa fir-rapport ta' referenza li jiġi ppreżentat.

L-Artikolu 3(19) tal-IED jispjega li rapport ta' referenza jeħtieġ li jipprovidi informazzjoni dwar l-istat ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art minn sustanzi perikolużi rilevanti.

⁽¹⁾ ĠU L 372, 27.12.2006, p. 19.

L-Artikolu 22(2) jispeċifika li rapport ta' referenza għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) informazzjoni dwar l-użu preżenti u, fejn disponibbli, dwar l-użi tas-sit fl-imgħoddi; kif ukoll
- (b) fejn disponibbli, l-informazzjoni eżistenti dwar il-miżuri (kejljiet) tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art li jirriflettu l-istat fil-mument li r-rapport jiġi mfassal jew, alternattivament, miżuri (kejljiet) ġodda tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art li jikkunsidraw il-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art b'dawk is-sustanzi perikolużi li għandhom jintużaw, fejn prodotti jew rilaxxati mill-installazzjoni kkonċernata."

Skont l-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 22(2) tal-IED, "il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-gwida dwar il-kontenut tar-rapport ta' bażi (referenza)."

Dik il-gwida hija stabbilita fil-Komunikazzjoni preżenti, biex l-Istati Membri jużawha matul l-implimentazzjoni tal-IED. Bl-istess mod, il-Kummissjoni se tużaha meta tiġi biex tevalwa l-informazzjoni marbuta mar-rapport ta' referenza fir-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tal-IED.

Huwa meqjus xieraq li din il-gwida tista' tiġi applikata b'mod ġenerali għall-installazzjonijiet kollha li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu II tal-IED. Madankollu, huwa importanti li tingħata kunsiderazzjoni tal-ħtieġa li rapport bħal dan ikun komprensiv kemm jista' jkun fid-deċiżjoni dwar il-kors ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' rapport ta' referenza fil-livell tal-installazzjoni. Huwa fl-interess tal-operatur li jiżgura li l-istat ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art identifikat fir-rapport ta' referenza jkun ddettaljat biżżejjed, peress li din l-informazzjoni se tintuża biex tiddetermina liema kontaminazzjoni ġiet miżjuda matul l-operat tal-installazzjoni kkonċernata minn meta tkun ġiet stabbilita r-referenza.

2. GĦAN TA' DIN IL-GWIDA

Din il-gwida għandha l-għan li tiċċara b'mod prattiku l-formulazzjoni u l-għan tal-IED sabiex l-Istati Membri jimplimentawha b'mod konsistenti. Madankollu, mhix interpretazzjoni legalment vinkolanti tal-IED. L-uniku test legalment vinkolanti jibqa' dak tal-IED innifsu. Barra minn hekk, interpretazzjoni uffiċjali tal-IED tista' tingħata biss mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

3. AMBITU TA' DIN IL-GWIDA

Din il-gwida tipprova informazzjoni dwar id-dispożizzjonijiet legali dwar rapport ta' referenza u jkopri -elementil li ġejjin tal-Artikolu 22 tal-IED li għandhom jiġu indirizzati fir-rapport ta' referenza:

- (i) Li jiġi deċiż jekk jeħtieġx li jiġi ppreżentat rapport ta' referenza;
- (ii) Li jitfasslu investigazzjonijiet ta' referenza;
- (iii) Li tiġi mnedija strateġija ta' teħid ta' kampjuni;
- (iv) Li jiġi żviluppat ir-rapport ta' referenza.

Din il-gwida ma tkoprix dawk l-elementi tal-Artikolu 22 li jirrigwardaw l-azzjonijiet meħtieġa mal-waqfien definnittiv tal-attivajiet kif deskritt fl-Artikolu 22(3) u (4).

4. DISPOŻIZZJONIJET LI JIRREFERU GĦAL RAPPORT TA' REFERENZA

4.1. Test rilevanti fl-IED

L-elementi prinċipali li ġejjin mit-test tal-IED huma ta' rilevanza fir-rigward tar-rapporti ta' referenza.

Artikolu 3 – definnizzjonijiet

(2) "tniġġis" tfisser l-introduzzjoni diretta jew indiretta, bħala riżultat ta' attività umana, ta' sustanzi, vibrazzjonijiet, sħana jew ħsejjes fl-arja, fil-baħar jew fl-art li jistgħu jkunu ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-kwalità tal-ambjent, li tirriżulta fi ħsara għal proprjetà materjali, jew tgħarraq jew tfixkel il-faċilitajiet u l-użi oħra leġittimi tal-ambjent;

(3) "installazzjoni" tfisser unità teknika stazzjonarja li fiha titwettaq attività waħda jew aktar minn dawk elenkati fl-Anness I jew fil-Parti I tal-Anness VII, u kull attività oħra direttament assoċjata fuq l-istess sit li jkollhom konnessjoni teknika mal-attivitajiet elenkati f'dawk l-Annessi u li jista' jkollhom effett fuq l-emissjonijiet u t-tniġġis;

(18) "sustanzi perikolużi" tfisser sustanzi jew taħlitiet kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imbagg tas-sustanzi u t-taħlitiet;

(19) "rapport ta' bażi" (ta' referenza) tfisser informazzjoni dwar il-qagħda tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art minn sustanzi perikolużi rilevanti;

(20) "ilma ta' taħt l-art" tfisser ilma ta' taħt l-art kif definit fil-punt 2 tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma;

(21) "ħamrija" tfisser is-saff ta' fuq nett tal-qoxra tad-Dinja li jinsab bejn il-qiegħ u l-wiċċ. Il-ħamrija hija magħmula minn partikoli minerali, materja organika, ilma, arja u organiżmi haġġin.

Artikolu 12 — Applikazzjonijiet għal permessi

(1) L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li applikazzjoni għal permess tkun tinkludi deskrizzjoni ta' dan li ġej:

(d) il-kondizzjonijiet tas-sit tal-installazzjoni;

(e) fejn applikabbli, rapport ta' referenza skont l-Artikolu 22(2).

Artikolu 22 — Għeluq tas-sit

(2) Meta l-attività tinvolvi l-użu, il-produzzjoni jew ir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi rilevanti, u fir-rigward tal-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art fuq is-sit tal-installazzjoni, l-operatur għandu jħejji u jippreżenta lill-awtorità kompetenti rapport ta' bażi qabel ma jibda jħaddem installazzjoni jew qabel ma permess għal installazzjoni jiġi aġġornat għall-ewwel darba wara s-7 ta' Jannar 2013.

Ir-rapport ta' bażi (referenza) għandu jinkludi l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi determinat l-istat ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art sabiex isir tqabbil kwantitattiv mal-istat mal-waqfien definittiv al-attivitajiet.

Ir-rapport ta' referenza għandu jinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) informazzjoni dwar l-użu preżenti u, fejn disponibbli, dwar l-użi tas-sit fil-passat;

(b) fejn disponibbli, l-informazzjoni eżistenti dwar il-miżuri (kejljiet) tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art li jirriflettu l-istat fil-mument li r-rapport jiġi mfassal jew, alternattivament, miżuri (kejljiet) ġodda tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art li jikkunsidraw il-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art b'dawk is-sustanzi perikolużi li għandhom jintużaw, fejn prodotti jew rilaxxati mill-installazzjoni kkonċernata.

Fejn informazzjoni pprovduta skont liġi nazzjonali oħra jew tal-Unjoni tissodisfa r-rekwiżiti ta' dan il-paragrafu, dik l-informazzjoni tista' tiġi inkluża jew annessa fir-rapport ta' referenza li jiġi ppreżentat.

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-gwida dwar il-kontenut tar-rapport ta' referenza.

(3) Mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet, l-operatur għandu jivvaluta l-istat ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art li tkun ġejja minn sustanzi perikolużi rilevanti użati, prodotti jew rilaxxati mill-installazzjoni. Meta l-installazzjoni tkun ikkawżat tniġġis sinifikattiv tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art permezz ta' sustanzi perikolużi rilevanti meta mqabbel mal-qagħda stabbilita fir-rapport ta' referenza msemmi fil-paragrafu 2, l-operatur għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex dak it-tniġġis jiġi indirizzat biex b'hekk is-sit imur lura għal dak l-istat. Għal dak il-għan, tista' titqies il-fattibbiltà teknika ta' miżuri bħal dawn.

Mingħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet, u fejn il-kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art fuq is-sit tkun ta' riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent bħala riżultat tal-attivitajiet permessi mill-operatur qabel mal-permess għall-installazzjoni jiġi aġġornat għall-ewwel darba wara s-7 ta' Jannar 2013 u meqjusal-kondizzjonijiet tas-sit tal-installazzjoni stabbiliti f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 12(1), l-operatur għandu jieħu l-azzjonijiet meħtieġa mmirati lejn it-tneħħija, il-kontroll, il-konteniment jew it-tnaqqis ta' sustanzi perikolużi rilevanti, sabiex is-sit, meqjus l-użu attwali jew futur approvat tiegħu, ma jibqax ikun ta' riskju.

(4) Meta l-operatur ma jkunx meħtieġ iħejji rapport ta' referenza kif imsemmi fil-paragrafu 2, l-operatur għandu, mal-waqfa definittiva tal-attivitajiet, jieħu l-azzjonijiet meħtieġa mmirati lejn it-tneħħija, il-kontroll, il-konteniment jew it-tnaqqis ta' sustanzi perikolużi rilevanti sabiex is-sit, meqjus l-użu attwali jew futur approvat tiegħu, ma jkomplix ikun ta' xi riskju sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent minħabba l-kontaminazzjoni tal-ħamrija jew tal-ilma ta' taħt l-art bħala riżultat tal-attivitajiet permessi u meqjusal-kondizzjonijiet tas-sit tal-installazzjoni stabbiliti f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 12(1).

4.2. Kelmiet u frażijiet ewlenin użati fl-IED

Għall-iskop ta' din il-gwida qed jingħataw dawn il-kjarifiki għal fehim aħjar tat-termini li ġejjin użati fil-kuntest tal-IED.

“Sustanzi perikolużi rilevanti” (l-Artikolu 3(18) u l-Artikolu 22(2), l-ewwel subparagrafu) huma dawk is-sustanzi jew taħlitiet kif definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi u taħlitiet (Regolament CLP) li, b'konsegwenza tal-periklu, il-mobilità, il-persistenza u l-bijodegradabilità tagħhom (kif ukoll karatteristiċi oħra), huma kapaċi jikkontaminaw ħamrija u ilma ta' taħt l-art, u huma użati, prodotti jew rilaxxati mill-installazzjoni.

“Il-possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art fuq is-sit tal-installazzjoni” (l-Artikolu 22(2), l-ewwel subparagrafu) tkopri għadd ta' elementi importanti. L-ewwel nett, għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa f'rapport ta' referenza lill-kwantitajiet ta' sustanzi perikolużi kkonċernati — fejn jintużaw, jiġu prodotti jew jiġu rilaxxati kwantitajiet żgħar ħafna fuq is-sit tal-installazzjoni, il-possibbiltà ta' kontaminazzjoni x'aktarx tkun insinifikanti għall-iskop ta' produzzjoni ta' rapport ta' referenza. It-tieni, ir-rapporti ta' referenza għandhom jikkunsidraw il-karatteristiċi tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art tas-sit, kif ukoll l-impatt ta' dawk il-karatteristiċi fuq il-possibbiltà li sseħħ kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art. It-tielet, għal installazzjonijiet eżistenti, il-karatteristiċi tagħhom jistgħu jiġu kkonksidrati fejn huma tali li fil-prattika jkun impossibbli li sseħħ il-kontaminazzjoni.

It-terminu **“kontaminazzjoni”** jinftehem bħala interskambjabbli mat-terminu **“tniġġis”** kif iddefinit fl-Artikolu 3(2) tal-IED.

“Tqabbil ikkwantifikat” (l-Artikolu 22(2), it-tieni subparagrafu) jeħtieġ li jkun jista' jsir tqabbil kemm għall-firxa kif ukoll għall-grad ta' kontaminazzjoni mar-rapport ta' referenza u fil-waqt tal-waqfien definittiv tal-attivitajiet. Tqabbil kwalitattiv biss huwa għalhekk eskluż mill-użu ta' dan it-terminu fl-Artikolu 22(2). Huwa fl-interess tal-operatur li jiżgura li l-ikkwantifikazzjoni tkun eżatta u preċiża biżżejjed li tippermetti tqabbil sinifikattiv mal-waqfien definittiv tal-attivitajiet.

“L-informazzjoni meħtieġa biex jiġi determinat l-istat ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art” (l-Artikolu 22(2), it-tieni subparagrafu) jinftehem bħala li jinkludi mill-inqas iż-żewġ elementi li ġejjin:

- (a) informazzjoni dwar l-użu preżenti u, fejn disponibbli, dwar l-użi tas-sit fil-passat; Fil-kuntest ta' dan ir-rekwiżit, it-terminu **“fejn disponibbli”** għandu jinftehem li l-informazzjoni tkun aċċessibbli għall-operatur tal-installazzjoni fil-waqt li titqies l-affidabbiltà ta' tali informazzjoni fuq l-użi fil-passat.
- Informazzjoni dwar konċentrazzjonijiet fil-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art ta' dawk is-sustanzi perikolużi rilevanti li se jintużaw, jiġu prodotti jew jiġu rilaxxati mill-installazzjoni. Fejn żviluppi fis-sit magħrufa minn qabel fil-mument li r-rapport jiġi mfassal jistgħu jirriżultaw fużu, produzzjoni jew rilaxx ta' sustanzi perikolużi addizzjonali, huwa rakkomandabbli li tiġi inkluża wkoll informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet fil-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art ta' dawk is-sustanzi perikolużi rilevanti. Fejn tali informazzjoni ma tkunx diġà teżisti, għandu jsir kejl ġdid meta jkun hemm possibbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art minħabba l-użu, il-produzzjoni jew ir-rilaxx ta' dawk is-sustanzi perikolużi mill-installazzjoni (ara wkoll hawn fuq dwar it-tifsira ta' “Tqabbil ikkwantifikat”).

4.3. Direttiva dwar il-Miżbliet

Il-miżbliet jirrappreżentaw tip partikolari ta' attività taħt l-IED (Anness I, attività 5.4) billi dawn huma wkoll koperti mid-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma (id-Direttiva dwar il-Miżbliet). L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva dwar il-Miżbliet tagħmilha ċara li għal dawk il-miżbliet li huma soġġetti għad-Direttiva tal-IPPC (2008/1/KE), ir-rekwiżiti tekniċi rilevanti jinsabu fi ħdan id-Direttiva dwar il-Miżbliet u li r-rekwiżiti tekniċi rilevanti tad-Direttiva IPPC huma ssodisfatti meta jkun hemm konformità mad-Direttiva dwar il-Miżbliet.

Peress li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 22 tal-IED ma kinux inklużi taħt id-Direttiva tal-IPPC ta' qabel, ma jistax jiġi konkluż li fil-każ tal-miżbljet l-ebda rapport ta' referenza ma huwa meħtieġ. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-Miżbljet, b'mod partikolari fil-punt 3 tal-Anness I tagħha (rekwiżiti ġenerali li jikkonċernaw il-protezzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art), għandhom jiżguraw li l-ebda materjal perikoluż ma jitħalla jidħol fil-ħamrija u fl-ilma ta' taħt l-art. Barra minn hekk, id-Direttiva dwar il-Miżbljet fiha bosta elementi utli għat-tfassil ta' rapport ta' referenza, li għandu jkun ikkometat fuq bażi ta' każ b'każ. Għall-kwantifikazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art jistgħu jkunu meħtieġa proċeduri u metodi partikolari biex jittieħed kont tal-fatturi partikolari ta' miżbla (kisi). Fil-każ li jseħħu attivitajiet oħra direttament assoċjati fuq is-sit ta' miżbla, dawn minnhom infushom jistgħu jeħtieġu li jiġi ppreżentat rapport ta' referenza.

5. STADJI FIL-PRODUZZJONI TA' RAPPORT TA' REFERENZA

Għadd ta' ħidmiet ewlenin għandhom jitwettqu biex jiġi determinat jekk jeħtieġx li jiġi ppreżentat rapport ta' referenza għal sitwazzjoni partikolari u biex jiġi prodott ir-rapport ta' referenza nnifsu.

Ġew identifikati tmien stadji f'dan il-proċess, li jkopru l-elementi ewlenin li ġejjin:

L-istadji 1-3: biex jiġi deċiż jekk rapport ta' referenza hux meħtieġ;

L-istadji 4-7: biex jiġi ddeterminat kif għandu jitħejja rapport ta' referenza;

L-istadju 8: biex jiġi ddeterminat il-kontenut tar-rapport.

Fejn matul l-istadji 1-3 jiġi ppruvat abbażi tal-informazzjoni disponibbli li mhux meħtieġ rapport ta' referenza, ma hemmx għalfejn wieħed jgħaddi għall-istadji ta' wara. Tali prova għandha tiġi reġistrata u għandha tinżamm mill-awtorità kompetenti, inklużi r-raġunijiet għal tali deċiżjoni.

Jista' jagħti l-każ li installazzjoni li mhix meħtieġa li tippreżenta rapport ta' referenza tagħmel tibdil fl-attivitajiet fuq il-post fil-ġejjieni b'tali mod li se jkun meħtieġ rapport ta' referenza, pereżempju meta sustanzi perikolużi jiġu proposti biex jiġu inklużi fi proċess ġdid għall-ewwel darba. F'dan il-każ, il-ħtieġa li jiġi ppreżentat rapport ta' referenza b'konnessjoni ma' aġġornament tal-permess għandha tiġi kkunsidrata mill-ġdid skont din il-gwida.

Fejn ikun possibbli, għandu jsir użu minn informazzjoni eżistenti għat-tlestija tal-istadji 1 sa 5.

Fxi każijiet, l-informazzjoni mogħtija skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2011/92/UE dwar il-valutazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati dwar l-ambjent jistgħu jintużaw b'mod utli biex jinfurmaw xi elementi tar-rapport ta' referenza.

Barra minn hekk, is-sorsi ta' informazzjoni li ġejjin jistgħu jkunu ta' rilevanza għat-tfassil tar-rapport ta' referenza:

- informazzjoni miġbura fil-kuntest tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi (id-Direttiva Seveso III), b'mod partikolari fir-rigward tal-istadju 4;
- informazzjoni inkluża fid-dokumenti ta' referenza BAT, speċjalment dak dwar l-Emissjonijiet mill-Ħżin, b'mod partikolari fir-rigward tal-istadji 6 u 7.

Madankollu, meta dan ma jkunx possibbli għandha tinġabar informazzjoni ġdida.

Għalkemm l-istadji huma nnumerati 1-8 għal referenza faċli, huwa possibbli li l-istadji jitwettqu f'ordni differenti jew simultanament.

Tabella 5.1

Stadji ewlenin tat-tħejjija tar-rapport ta' referenza

Stadju	Attività	Objettiv
1.	Identifika liema sustanzi perikolużi jintużaw, jiġu prodotti jew jiġu rilaxxati fl-installazzjoni, u ppreżenta lista ta' dawn is-sustanzi perikolużi.	Iddeċiedi dwar jekk jintużawx, jiġu prodotti jew jiġu rilaxxati sustanzi perikolużi, bil-ħsieb li tittieħed deċiżjoni rigward il-ħtieġa li jitħejja u jiġi ppreżentat rapport ta' referenza.
2.	Identifika liema mis-sustanzi perikolużi mill-IsStadju 1 huma "sustanzi perikolużi rilevanti" (ara t-Taqsima 4.2). Warrab dawk is-sustanzi perikolużi li mhumiex kapaċi jikkontaminaw il-ħamrija jew l-ilma ta' taħt l-art. Iġġustifika u rreġistra d-deċiżjonijiet meħuda biex jiġu esklużi ċerti sustanzi perikolużi.	Biex tirrestrinġi l-konsiderazzjoni ulterjuri biss għas-sustanzi perikolużi rilevanti , bil-ħsieb litittiehed deċiżjoni fir-rigward tal-ħtieġa ta' tħejjija u ta' preżentazzjoni ta' rapport ta' referenza.
3.	Għal kull sustanza perikoluża rilevanti li tgħaddi mill-istadju 2, identifika l-possibbiltà attwali ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art fuq is-sit tal-installazzjoni, inkluża l-probabbiltà ta' rilaxxi u l-konsegwenzi tagħhom, u b'konsiderazzjoni partikolari ta': — il-kwantitajiet ta' kull sustanza perikoluża jew gruppi ta' sustanzi perikolużi simili kkonċernati; — kif u fejn jinħażnu, jintużaw u jiġu ttrasportati s-sustanzi perikolużi madwar l-installazzjoni; — fejn hemm ir-riskju li jiġu rilaxxati; — Fil-każ ta' installazzjonijiet eżistenti, ukoll il-miżuri li ġew adottati biex jiġi żgurat li huwa impossibbli fil-prattika li sseħħ il-kontaminazzjoni tal-ħamrija jew tal-ilma ta' taħt l-art.	Biex tidentifika liema sustanzi perikolużi rilevanti jirrappreżentaw riskju potenzjali ta' tniġġis fis-sit abbażi tal-possibbiltà li jseħħu rilaxxi ta' tali sustanzi. Għal dawn is-sustanzi, għandha tiġi inkluża l-informazzjoni fir-rapport ta' referenza.
4.	Agħti l-istorja tas-sit fl-imgħoddi. Ikkunsidra id-dejta disponibbli u l-informazzjoni: — Fir-rigward tal-użu attwali tas-sit, u dwar emissjonijiet ta' sustanzi perikolużi li seħħu u li setgħu jagħtu lok għal tniġġis. B'mod partikolari, kkunsidra aċċidenti jew inċidenti, taqtir jew tixrid minn operazzjonijiet ta' rutina, bidliet fil-prattika operativa, kisi tal-wiċċ tas-sit, bidliet fis-sustanzi perikolużi użati. — Użi preċedenti tas-sit li setgħu jirriżultaw fir-rilaxx ta' sustanzi perikolużi, kemm jekk huma l-istess bħal dawk użati, prodotti jew rilaxxati mill-installazzjoni eżistenti kif ukoll jekk differenti. Ir-reviżjoni ta' rapporti ta' investigazzjoni preċedenti tista' tgħin fil-ġbir ta' din id-dejta.	Identifika sorsi potenzjali li setgħu wasslu biex is-sustanzi perikolużi identifikati fl-IsStadju 3 jkunu diġà preżenti fuq is-sit tal-installazzjoni.

Stadju	Attività	Objettiv
5.	Identifika s-sitwazzjoni ambjentali tas-sit, inkluż: — It-topografija; — Il-ġeoloġija; — Id-direzzjoni tat-tnixxija tal-ilma ta' taħt l-art; — Mogħdijiet ta' migrazzjoni potenzjali oħra bħal sistemi ta' dranaġġ u kanali ta' servizz; — Aspetti ambjentali (eż. habitats partikolari, speċijiet, żoni protetti, eċċ.); kif ukoll — L-użu tal-art tal-madwar.	Iddetermina fejn jistgħu jmorru s-sustanzi perikolużi jekk jiġu rilaxxati u fejn għandu jsir it-tfittix għalihom. Identifika wkoll il-mezzi u r-riċetturi ambjentali li huma potenzjalment fir-riskju u fejn hemm attivitajiet oħra fil-qasam li jerġu l-istess sustanzi perikolużi u jistgħu jgħegħilhom jemigraw lejn is-sit.
6.	Uża r-riżultati tal-Istadji 3 sa 5 biex jiġi deskritt is-sit, b'mod partikolari bit-turija tal-post, it-tip, il-firxa u l-kwantità tas-sorsi ta' emissjonijiet ta' tniġġis storiku u dawk potenzjali futuri, filwaqt li tiegħu nota tal-istrati u l-ilma ta' taħt l-art li x'aktarx jista' jiġi affetwat minn dawk l-emissjonijiet — b'rabtiet bejn is-sorsi tal-emissjonijiet, il-mogħdijiet li permezz tagħhom it-tniġġis jista' jimxi u r-riċevituri li x'aktarx jiġu affettwati.	Identifika l-post, in-natura u l-punt sa fejn jeżisti tniġġis fuq is-sit u s-sejbin ta' liema saffi u ilma ta' taħt l-art jistgħu jiġu affettwati minn tniġġis bħal dan. Qabbel ma' emissjonijiet futuri potenzjali biex tara jekk iż-żoni jikkoinċidux.
7.	Jekk hemm biżżejjed informazzjoni li tikkwantifika t-tniġġis tal-istat tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art minn sustanzi perikolużi rilevanti abbażi tal-Istadji (1) sa (6), mur direttament għall-Istadju 8. Jekk ma teżistix biżżejjed informazzjoni se tkun meħtieġa investigazzjoni intrużiva tas-sit sabiex tinġabar l-informazzjoni. Id-dettalji ta' din l-investigazzjoni għandhom jiġu ċċarati mal-awtorità kompetenti.	Igħbor informazzjoni addizzjonali kif meħtieġ li tippermetti valutazzjoni kwantifikata tat-tniġġis tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art minn sustanzi perikolużi rilevanti.
8.	Ipproduċi rapport ta' referenza għall-installazzjoni li jikkwantifika l-istat ta' tniġġis tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art minn sustanzi perikolużi.	Ipprovi rapport ta' referenza skont l-IED.

Kull wieħed mit-8 stadji huwa spjegat f'faktar dettall hawn taħt.

5.1. Stadju 1: Identifikazzjoni tas-sustanzi perikolużi attwalment użati, prodotti jew rilaxxati fl-installazzjoni

Ipproduċi lista ta' sustanzi perikolużi użati mill-ħajt 'l ġewwa tal-installazzjoni (jew bħala materja prima, prodotti, intermedjarji, prodotti sekondarji, emissjonijiet jew skart). Din għandha tinkludi s-sustanzi perikolużi kollha assoċjati kemm mal-attivitajiet fl-Anness I tal-IED kif ukoll ma' attivitajiet direttament assoċjati li għandhom konnessjoni teknika mal-attivitajiet imwettqa u li jista' jkollhom effett fuq it-tniġġis tal-ħamrija jew tal-ilma ta' taħt l-art.

Fejn sustanzi perikolużi huma elenkati taħt ismijiet kummerċjali, il-kostitwenti kimiċi għandhom ukoll jiġu identifikati. Għal taħlitiet jew komposti l-proporzjon relattiv tal-aktar sustanzi kimiċi kostitwenti għandhom jiġu identifikati.

5.2. Stadju 2: Identifikazzjoni tas-sustanzi perikolużi rilevanti

Mil-lista prodotta mill-Istadju 1, iddetermina r-riskju potenzjali ta' tniġġis ta' kull sustanza perikoluża billi tqis il-karatteristiċi kimiċi u fiżiċi tagħha bħal: il-kompożizzjoni, l-istat fiżiku (solidu, likwidu jew gass), is-solubilità, it-tossiċità, il-mobilità, il-persistenza, eċċ. Din l-informazzjoni għandha tintuża biex jiġi ddeterminat jekk is-sustanza għandhiex il-potenzjal li tikkawża tniġġis ta' ħamrija u ilma ta' taħt l-art. Id-dejta, flimkien mar-raġunament użat fl-interpretazzjoni tagħha, għandha tiġi ppreżentata b'mod li jkun ċar fir-rapport ta' referenza għaliex is-sustanzi ġew esklużi jew inklużi.

Fejn grupp ta' sustanzi juru karatteristiċi simili, jistgħu jitqiesu flimkien kemm-il darba tingħata ġustifikazzjoni għar-raggruppament.

Is-sorsi ta' informazzjoni jistgħu jinkludu l-inventarju tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar li jkun fih informazzjoni ta' klassifikazzjoni u tikkettjar dwar sustanzi nnotifikati skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (ir-Regolament CLP) u informazzjoni kimika dwar sustanzi reġistrati skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ir-Regolament REACH). Sorsi oħra ta' informazzjoni jistgħu jinkludu wkoll ir-rapporti tal-valutazzjoni tar-riskju għal 141 sustanza kimika skont ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 (ir-Regolament dwar Sustanzi Eżistenti). Dawn is-sorsi kollha jistgħu jinsabu fuq il-websajt tal-ECHA ⁽¹⁾.

Fejn ikun ċar li sustanzi perikolużi użati, prodotti jew rilaxxati fl-installazzjoni ma jistgħux joħlqu kontaminazzjoni ta' ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art, ma jeħtieġx li jiġi prodott rapport ta' referenza.

Is-sustanzi perikolużi rilevanti identifikati għandhom jgħaddu għall-Istadju 3 għal aktar konsiderazzjoni.

5.3. Stadju 3: Valutazzjoni tal-possibilità ta' kontaminazzjoni speċifika għas-sit

Kull sustanza miġjuba 'l quddiem mill-Istadju 2 għandha titqies fil-kuntest tas-sit biex jiġi ddeterminat jekk jeżistux ċirkostanzi li jistgħu jirriżultaw fir-rilaxx tas-sustanza fi kwantitajiet suffiċjenti biex jirrappreżentaw riskju ta' tniġġis, jew bħala riżultat ta' emissjoni unika jew bħala riżultat tal-akkumulazzjoni minn diversi emissjonijiet.

Il-kwistjonijiet speċifiċi li għandhom jiġu kkunsidrati jinkludu:

- (i) Il-kwantità ta' kull sustanza perikoluża mmanegġjata, prodotta jew emessa fir-rigward tal-effetti tagħha fuq l-ambjent.

Trid tingħata attenzjoni minħabba li tnixxija kontinwa ta' kwantità limitata tul perjodu ta' żmien tista' tikkawża tniġġis sinifikanti. Fejn tinżamm informazzjoni input-output dwar sustanzi perikolużi, din għandha tiġi eżaminata biex jinstabu emissjonijiet possibbli fil-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art;

- (ii) Il-post ta' kull sustanza perikoluża fuq is-sit eż. fejn tinsab jew se tinġarr, fejn hi maħżuna, użata, imċaqilqa madwar is-sit, emessa eċċ., b'mod partikolari fid-dawl tal-karatteristiċi tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art f'dik il-parti tas-sit;
- (iii) Fil-każ ta' installazzjonijiet eżistenti: il-preżenza u l-integrità ta' mekkaniżmi ta' konteniment, in-natura u l-kondizzjoni tal-kisi tal-wiċċ tas-sit, fejn jinsabu d-dranaġġi, is-servizzi jew kanali potenzjali oħra għall-migrazzjoni.

Il-metodu ta' ħżin, l-immaniġġjar u l-użu ta' sustanzi perikolużi rilevanti jeħtieġ li jiġi identifikat u jekk hemmx xi mekkaniżmi ta' konteniment li ma jħallux li jseħħu emissjonijiet; eż. ħitan ta' konteniment, simenta għall-ħżin ta' materjali, proċeduri ta' maniġġjar.

Għandha ssir spezzjoni fiżika fid-dettall tas-sit biex jiġu vverifikati l-integrità u l-effiċjenza tal-miżuri li ma jħallux li jkun hemm rilaxx ta' sustanzi.

Eżempji tat-tipi ta' informazzjoni li trid tinġabar huma:

- jekk l-istrutturi u l-kisi tas-sit humiex maqsuma jew għandhomx ħsara. Identifika jekk hemmx ġonot jew xquq fil-viċinanza ta' punti potenzjali ta' emissjoni;
- jekk hemmx sinjali ta' attakk kimiku għall-uċuħ tal-konkrit;
- jekk id-dranaġġi ta' pproċessar humiex f'kundizzjoni tajba. Fejn huwa mingħajr periklu biex dan isir, spezzjona manholes, kanali u dranaġġi mikxufa;
- identifika r-rotot tad-dranaġġ, kurituri ta' servizzi, eċċ. u lokalizzazzjoni ta' skarkir ta' ilma;
- identifika s-sinjali ta' emissjonijiet li diġà seħħu, eżamina n-natura u l-firxa tagħhom, u kkunsidra l-probabbiltà ta' rikorrenza tal-emissjonijiet;
- identifika jekk iseħħux fis-sit emissjonijiet diretti jew indiretti ta' sustanzi perikolużi lejn l-art jew l-ilma ta' taħt l-art.

Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, għandhom jiġu deskritti ċ-ċirkostanzi li fihom emissjoni fil-ħamrija jew fl-ilma ta' taħt l-art tista' sseħħ u l-probabbiltà ta' tali emissjonijiet, u għandhom jiġu identifikati s-sustanzi li jistgħu jiġu emessi fl-ambjent u li jwasslu għal riskju ta' tniġġis potenzjali.

⁽¹⁾ <http://echa.europa.eu/information-on-chemicals/>

Iċ-ċirkustanzi li fihom l-emissjonijiet jistgħu jsejtnu jinkludu:

Aċċidenti/Inċidenti eż. qlib ta' tanker fuq triq tas-sit; qsim ta' kontenitur; tnixxija minn tank taħt l-art; siġill li jinqasam; tnixxija aċċidentali; tnixxijiet minn qsim ta' dranaġġi; nar;

Operazzjonijiet ta' rutina eż. taqtir waqt it-trasport jew minn ġonot tal-pajpijiet, tixrid żgħir matul it-tferriġ/trasferiment ta' prodott, tnixxijiet minn dranaġġi mblukkati jew imkissra, xquq fis-simenti tal-konkrit;

Emissjonijiet ppjanati eż. tnixxijiet lejn ilma fuq l-art jew lejn ilma taħt l-art.

Meta jkun jidher li minħabba l-kwantitajiet ta' sustanzi perikolużi użati, prodotti jew rilaxxati fl-installazzjoni, jew minħabba l-karatteristiċi tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art tas-sit ma jkun hemm l-ebda possibbiltà sinifikanti ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija jew tal-ilma ta' taħt l-art, ma jibqax meħtieġ rapport ta' referenza.

Fil-każ ta' installazzjonijiet eżistenti, fejn jittieħdu miżuri li jagħmluha impossibbli fil-prattika li sseħħ kontaminazzjoni tal-ħamrija jew tal-ilma ta' taħt l-art, ukoll mhux meħtieġ rapport ta' referenza.

Fejn, bħala riżultat ta' dan l-istadju, jitqies li rapport ta' referenza mhuwiex meħtieġ, xorta huwa mistenni li ssir reġistrazzjoni ta' tali deċiżjoni, inklużi r-raġunijiet għad-deċiżjoni, mill-operatur u li tiġi vvalutata ulterjorment u aċċettatamill-awtorità kompetenti.

5.4. Stadju 4: Storja tas-sit

L-għan ta' din it-Taqsima huwa li jiġi ddeterminat liema sustanzi perikolużi rilevanti identifikati mill-Istadju 3 għandhom il-potenzjal li jkunu preżenti fuq is-sit fil-ħamrija u fl-ilma ta' taħt l-art diġà bħala riżultat ta' attivitajiet sal-jum preżenti u biex jiġi ddeterminat jekk jikkoinċidux ma' punti ta' emissjoni potenzjali futuri.

L-istorja tas-sit għandha tqis kemm (i) l-istorja tas-sit qabel l-iżvilupp tal-installazzjoni attwali/proposta kif ukoll (ii) l-istorja operattiva tal-installazzjoni attwali/proposta kif ġej:

- (i) Elenka l-użi preċedenti tas-sit minn għalqa sempliċi għall-iżvilupp tal-installazzjoni proposta. Identifika jekk dawn l-użi huwiex probabbli li nvolvw xi sustanzi perikolużi rilevanti identifikati fl-Istadju 3. Jekk iva, fejn aktarx li ġew immaniġġjati, x'inhi l-probabbiltà ta' emissjonijiet fil-ħamrija/l-ilma ta' taħt l-art, u liema rimedju ttieħed, jekk huwa l-każ? Fejn disponibbli, għandha tintuża dejta speċifika għas-sit.
- (ii) Għal installazzjoni li hija diġà operattiva fil-mument ta' produzzjoni ta' rapport ta' referenza, x'inhi l-probabbiltà ta' emissjonijiet matul l-istorja operattiva fis-sit? Punti speċifiċi li ta' min jikkunsidra:

— Il-post, in-natura u l-firxa ta' aċċidenti, inċidenti, jew rimi dirett magħmula storikament (permessi jew mod ieħor) li setgħu kkawżaw rilaxx ta' sustanzi perikolużi rilevanti fil-ħamrija jew fl-ilma ta' taħt l-art

— X'bidliet jew titjib sar fil-proċess, fis-sustanzi kimiċi mmaniġġjati, il-postijiet tal-ħażna, il-metodi ta' rimi eċċ. u għaliex? Pereżempju, kienu riżultat ta' inċident, aċċident, kważi inċident preċedenti eċċ., saru biex jitnaqqas ir-riskju ta' emissjonijiet, biex titjeb l-effiċjenza, jitnaqqas l-iskart eċċ? Jindikaw li setgħu sehew xi emissjonijiet?

— Ir-rekords tal-manutenzjoni — juru integrità xierqa għal dranaġġi, tankijiet, ħitan ta' konteniment, pajpijiet eċċ.? Kienu jsiru mill-bidu tal-attività jew ġew introdotti reċentement?

— Dettalji tal-investigazzjonijiet tas-sit imwettqa qabel u xogħlijiet ta' rimedju.

— Dejta ta' spezzjoni fiżika miġbura matul l-Istadju 3 tista' wkoll tipprovdi informazzjoni dwar il-preżenza ta' tbajja', evidenza ta' korrużjoni, il-preżenza ta' kisi ġdid, eċċ.

5.5. Stadju 5: Sitwazzjoni ambjentali

Bħala riżultat tal-Istadji 1-4 jiġu identifikati l-postijiet fuq is-sit fejn jistgħu jiffaċċaw emissjonijiet fil-ġejjieni u fejn setgħu diġà sehew emissjonijiet. L-Istadju 5 għandu l-għan li jiddetermina d-destin ta' dawn l-emissjonijiet, is-saffi u l-ilma ta' taħt l-art li jistgħu jkunu affettwati u li jistabbilixxi l-grad u l-fond sa fejn l-art teħtieġ li tkun ikkaratterizzata. Dan jeħtieġ fehim tal-karatteristiċi tal-art u tal-ilma ta' taħt l-art fuq is-sit kif ukoll fl-inħawi tal-madwar li jistgħu jinfluwenzaw is-sit tal-istallazzjoni stess.

Fejn disponibbli, għandha tintuża dejta speċifika għas-sit. Meta d-dejta speċifika ma tkunx disponibbli, uża dejta ta' referenza, valutazzjoni kwalitattiva/soġġettiva, dejta dedotta jew estrapolata. Għal kull każ, is-sors tad-dejta għandha tiġi identifikata, u fejn din ma tkunx speċifika għas-sit, għandu jkun hemm ġustifikazzjoni għall-użu tad-dejta magħżula, inklużi dettalji ta' kwalunkwe marġni ta' żball applikabbli.

Fil-kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi tas-sit, għandha tinġabar id-dejta li ġejja:

It-topografija

Mit-topografija lokali u t-tip tal-wiċċ tal-art (konkrit, art mikxufa eċċ.) fil-viċinanza ta' kull punt ta' emissjoni se jidher l-effett immedjat ta' xi emissjonijiet, kif ukoll il-post tal-emissjoni frabta mal-wiċċ tal-art (eż. fil-livell tal-art, fuq l-art, fuq minn fejn jgħaddu l-pajpijiet, taħt il-livell tal-art eċċ.).

It-tip u l-pendil tal-wiċċ tal-art jistgħu jintwerew fuq pjanta tas-sit. Barra minn hekk, il-bażi tal-elementi madwar il-ħajt ta' konteniment, il-fosos eċċ. relattivi għal-livell tal-art tal-madwar għandhom jiġu identifikati b'mod ċar, b'mod partikolari fejn dawn huma taħt il-livell tal-art (kompletament jew parzjalment).

Ġeoloġija u idroġeoloġija

Ipprovi deskrizzjoni tal-ħamrija u s-saffi tal-blat taħt is-sit u l-karatteristiċi fiżiko-kimiċi ta' kull saff li jista' jinfluwenza d-destin u trasport ta' sustanzi permezz tal-art.

Identifika l-preżenza ta' ilmijiet ta' taħt l-art (inklużi l-ilmijiet li jinġabru 'l fuq mill-watertable), jew tal-probabbiltà tal-preżenza tagħhom, b'kull saff u, fejn ikun magħruf, indika l-qlib tal-ilma.

Ipprovi indikazzjoni tal-importanza tal-proprietajiet tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art mill-moviment ta' sustanzi minn ġol-art.

Sommarju sempliċi tad-dejta, aktar milli deskrizzjoni ġeoteknika sħiħa, ikun biżżejjed fir-rapport, billi aktar dettalji jistgħu jiġu pprovduti jew magħmula disponibbli għar-referenza futura kif meħtieġ.

Barra minn hekk, dan għandu jiġbor flimkien l-informazzjoni kollha disponibbli biex jippreżenta l-kundizzjonijiet tas-sit kollu, aktar milli jifred l-ġeoloġija u l-idroġeoloġija ppubblikati minn investigazzjonijiet preċedenti u s-sejbiet tal-investigazzjoni attwali.

L-idroloġija

Indika l-preżenza ta' karatteristiċi tal-ilmijiet tal-wiċċ, id-direzzjoni tagħhom ta' fluss, il-kwalità/klassifikazzjoni u l-lokazzjoni tal-fond tas-sodda relattivament mas-superfiċje tas-sit. Ipprovi indikazzjoni ta' kif kull korp ta' ilma jista' jiġi affettwat mill-emissjonijiet mis-sit.

Mogħdijiet magħmula mill-bniedem

Identifika mogħdijiet magħmula mill-bniedem, kurituri ta' servizz, dranaġġi, mini, eċċ., li jistgħu jaġixxu bħala rotot ta' migrazzjoni għal sustanzi perikolużi, u identifika d-direzzjoni ta' migrazzjoni probabbli, filwaqt li żżomm amment li din tista' tkun kontra l-qlib topografiku jew idrawliku.

L-użu tal-art tal-madwar u l-interdipendenzi

Identifika l-użu tal-art tal-madwar biex tara jekk hemmx industrij/attivitajiet, speċjalment dawk aktar 'il fuq bħala livell, li jistgħu jimmaniġġjaw l-istess sustanzi jew sustanzi simili u jistgħu jikkawżaw l-emigrazzjoni tat-tniġġis lejn is-sit. Għal dik li hija migrazzjoni ta' tniġġis lejn is-sit fil-ħin taċ-ċediment tal-liċenzja, huwa komputu tal-operatur li jipprova li huma ma kkawżawx tniġġis waqt l-operat. Huwa għalhekk importanti li tkun taf jekk kull proprjetà li tmiss mas-sit tistax tkun sors tal-istess tniġġis jew tniġġis simili.

5.6. Stadju 6: Karatterizzazzjoni tas-sit

Deskrizzjoni tas-sit għandha b'mod partikolari turi l-post, it-tip, il-firxa u l-kwantità tal-emissjonijiet ta' tniġġis storiku u sorsi potenzjali futuri filwaqt li jiġu nnutati s-saffi u l-ilma ta' taħt l-art li x'aktarx ikunu affettwati minn dawk l-emissjonijiet

Il-mudelli jistgħu jkunu utli f'dan il-kuntest billi permezz tagħhom jistgħu jsiru rabtiet bejn sorsi ta' emissjonijiet, il-mogħdijiet li permezz tagħhom it-tniġġis jista' jimxi, u r-riċevituri li aktarx jiġu affettwati. Li jinġiebu flimkien biċċiet differenti ta' informazzjoni għandu jgħin biex wieħed jifhem aħjar x'riskji jista' jkun hemm mill-kontaminazzjoni kemm għall-ambjent kif ukoll għas-saħħa tal-bniedem.

Mudell kunċettwali ta' sit huwa rappreżentazzjoni li tistabbilixxi kemm il-livelli eżistenti ta' tniġġis kif ukoll sorsi ta' tniġġis futuri possibbli għal żona speċifika ta' art. Dan jista' jsir bl-użu tal-informazzjoni miksuba fil-Istadji 3-5. Dan x'aktarx jinkludi informazzjoni eżistenti u, sa ċertu punt informazzjoni ġdida li mhix marbuta mal-Istadju 7 hawn taħt. Fejn l-operatur jipproponi li juża informazzjoni eżistenti fl-iżvilupp ta' mudell kunċettwali ta' sit, għandhom jiġu kkunsidrati l-affidabbiltà, il-preċiżjoni u kemm hi xierqa d-dejta.

Aktar milli jiġi pprovdut mudell ġenerali uniku tas-sit, jew bħala tpinġija jew bħala test, jista' jkun preferibbli li jiġu prodotti mudelli individwali aktar dettaljati għal kull qasam ikkonċernat fl-installazzjoni. Pereżempju, mudell kunċettwali taż-żona madwar tank, li jista' jindika l-kostruzzjoni tal-ħajt ta' konteniment, id-direzzjoni ta' qlib tal-art, jekk il-punti ta' mili humiex ġewwa jew barra l-ħajt ta' konteniment, it-tip ta' kisi madwar iż-żona, u l-ġeoloġija u l-wiċċ tas-sukkursu sottostanti. Din l-informazzjoni mbagħad tintuża biex tindika fejn jistgħu jispiċċaw xi sustanzi perikolużi rilevanti li jiġu rilaxxati.

In-natura u l-kumplessità tal-mudelli kunċettwali tas-sit ivarjaw skont is-sit u skont l-attività jew l-attivitajiet imwettqa.

5.7. Stadju 7: Investigazzjoni dwar is-sit

Jekk hemm biżżejjed informazzjoni mill-Istadji 1-6 biex tikkaratterizza s-sit kemm lateralment kif ukoll vertikament, u biex ikun jista' jiġi ddefinit l-istatus ta' referenza f'termini ta' livelli kwantifikati ta' tniġġis tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art minn sustanzi perikolużi rilevanti, mur direttament għall-Istadju 8. Meta jagħżel li juża l-informazzjoni eżistenti, l-operatur, huwa u jipprovdih, u l-awtorità kompetenti, fl-ewwazzjoni tagħha, iridu jkunu konxji tal-inċertezza u r-riskju assoċjati mal-użu ta' din id-dejta. Tali riskji jinkludu:

- dejta storika li ma tqisx b'mod xieraq ir-rilaxxi ta' sustanzi perikolużi rilevanti li setgħu sehew minn mindu tkun inġabret id-dejta oriġinali;
- dejta storika li ma tqisx is-sustanzi perikolużi rilevanti kollha iżda pjuttost tiffoka fuq proporzjon tas-sustanzi rilevanti perikolużi; kif ukoll
- dejta storika li ma tqisx il-bidliet fl-attivitajiet imwettqa fuq is-sit minn mindu jkun sar il-ġbir oriġinali tagħha li setgħu jirriżultaw f'bidliet fis-sustanzi perikolużi użati, prodotti jew rilaxxati mill-installazzjoni.

L-aħjar mod biex jiġi żgurat li d-dejta hija komprensiva huwa li l-metodu ta' determinazzjoni kif ukoll l-analiżi jiġu stabbiliti u kkomunikati b'mod ċar. Fil-każ ta' installazzjonijiet eżistenti, meta l-affidabilità u l-kwalità ta' informazzjoni storika dwar l-istat tal-ħamrija ma jistgħux jiġu stabbiliti (pereżempju minħabba li r-riżultati huma bbażati fuq metodi skaduti jew ma kinux kompluti) l-aktar azzjoni xierqa tkun li jerġgħu jittieħdu l-kejljiet.

Meta parti biss tas-sit tista' tiġi kkaratterizzata jew m'hemmx biżżejjed informazzjoni li fuqha jista' jiġi fformulat rapport ta' referenza, għandha tinkiseb informazzjoni addizzjonali permezz ta' investigazzjoni tas-sit. Kejl ġdid, kemm jekk meħud qabel l-ikkommissjonar jew bħala riżultat ta' revizzjoni tal-permess, huwa l-aħjar metodu biex tinkiseb referenza dwar l-istat tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art.

L-istrateġija għat-teħid tal-kampjuni

Fejn huwa stabbilit li se jkun hemm bżonn ta' kejl ġdid jeħtieġ li jitqiesu strateġiji ta' teħid ta' kampjuni xierqa, jiġifieri l-mod li bih se jseħħu l-kejljiet ġodda tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art. Għall-għażla tal-aktar strateġija xierqa, huwa rakkomandabbli li jkun hemm komunikazzjoni bejn l-operatur u l-awtorità kompetenti.

L-istrateġiji ta' teħid ta' kampjuni magħżula għandhom jipprovdu biżżejjed fiduċja li l-kejljiet u l-kampjuni meħuda jirriflettu b'mod preċiż il-livell attwali ta' kontaminazzjoni minn sustanzi perikolużi rilevanti sabiex tkun possibbli determinazzjoni tal-istat attwali u tal-kundizzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art. Ir-rapport ta' referenza għandu jinkludi l-metodu propost għall-valutazzjoni tal-istatus ta' kontaminazzjoni tas-sit, eż. it-testijiet statistiċi li għandhom jintużaw u kwalunkwe ISO/CEN, jew fin-nuqqas tagħhom, standards nazzjonali li għandhom jiġu applikati. Huwa u jsir ir-rapport tar-riżultati tal-investigazzjoni ta' referenza, l-approċċ fir-rigward tat-teħid ta' kampjuni kif ukoll il-metodi ta' analiżi għandhom jiġu deskritti fir-rapport. Minn dan isegwi li, meta s-sit jiġi vvalutat mal-waqfien definittiv tal-attivitàjiet, se jkun meħtieġ li jintuża l-istess approċċ, u jew l-istess metodi jew metodi li ġew ippruvati li jipproduċu prestazzjoni analitika komparabbli.

L-istrateġiji ta' teħid ta' kampjuni għandhom:

- ikunu ffukati fuq sustanzi perikolużi rilevanti identifikati u l-prodotti u l-metaboliti ta' degradazzjoni perikolużi tagħhom li jridu jiġu evalwati fir-rigward tal-proprjetajiet fiżiko-kimiċi tagħhom frabta mal-probabbiltà ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija jew tal-ilma ta' taħt l-art;
- iqisu l-kondizzjonijiet idrawliċi u idroġeoloġiċi tas-sit. Punti ta' kejl xierqa upstream/downstream iridu jiġu riveduti qabel l-istabbiliment tagħhom fuq is-sit tal-installazzjoni. Id-dinamika possibbli fir-rigward ta' direzzjonijiet ta' fluss u flutwazzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art għandhom jiġu kkunsidrati fl-ispezzjonijiet tal-ilma ta' taħt l-art;
- jirrikonossu l-impatt ta' fatturi naturali influwenti u dawk marbuta mal-proċess fuq il-kampjuni meħuda u l-istrateġija ta' teħid ta' kampjuni (post u metodu), il-konnessjoni tal-kontaminazzjoni, l-eterogenejtà tad-distribuzzjoni tat-tniġġis fil-ħamrija jew fl-ilma ta' taħt l-art, it-trattament tal-kampjun bejn iż-żmien li jinkiseb u l-kejl tiegħu, u l-kejljiet meħuda fi ħdan il-laboratorju; kif ukoll
- jikkunsidraw mill-bidu nett id-determinazzjoni kemm tal-istat attwali (inkluż kontaminazzjoni storika) tat-tniġġis kif ukoll il-ħtieġa għal valutazzjoni tat-tniġġis mal-waqfien definittiv tal-attivitàjiet. Kartografija ċara u l-immarkar tal-punti ta' teħid tal-kampjuni huma prerekwiżiti.

Huwa rakkomandat li jkun hemm jew teħid ta' kampjuni mhux immirat, teħid ta' kampjuni mmirat jew taħlita tat-tnejn li huma. L-għażla trid issir bil-konsiderazzjoni tas-siwazzjoni ġeografika tas-sit, il-kondizzjonijiet u l-ambjent lokali, inklużi n-natura u l-kwantità tas-sustanzi li jridu jitkejlu. Deskrizzjoni ta' dawn l-approċċi tinsab hawn taħt. Meta tiġi proposta teknika tat-teħid tal-kampjuni differenti, pereżempju teħid ta' kampjuni multi-incrementali, il-livell ta' affidabbiltà tar-riżultati meta mqabbla ma' approċċ immirat jew mhux fil-mira għandu jiġi kkunsidrat kemm mill-operatur kif ukoll mill-awtorità kompetenti:

- (i) Teħid ta' kampjuni mmirat — huwa teħid ta' kampjuni ffukat fiż-żoni ta' suspett ta' konċentrazzjonijiet tas-sustanza niġġiesa (punti ta' ħżin, postijiet tat-trażbord jew simili). Bħal fil-każ ta' teħid ta' kampjuni mhux immirat, jeħtieġ li jkun hemm deċiżjoni minn qabel dwar liema probabbiltà ta' individwazzjoni hija meħtieġa, wara li jiġu kkunsidrati l-ispejjeż involuti.
- (ii) Teħid ta' kampjuni mhux immirat — huwa tipikament teħid ta' kampjuni li, b'densità ta' dejta adegwata, jipproduċi informazzjoni ċara u mingħajr ekwivoċi dwar il-medja tal-konċentrazzjonijiet tas-sustanzi u dwar il-firxa tagħhom. Minħabba li dan l-approċċ ifittex li jipproduċi rappreżentazzjoni preċiża tas-sit kollu bl-użu ta' teħid ta' kampjuni uniformi mal-installazzjoni kollha, l-għażla tal-postijiet tat-teħid ta' kampjuni m'għandhiex tkun influwenzata minn ċirkustanzi esterni bħal bini eżistenti u l-użu tiegħu jew il-konċentrazzjonijiet tas-sustanza niġġiesa ssuspettata. Jista' jkun hemm diffikultajiet meta jintuża teħid ta' kampjuni mhux immirat għal siti eżistenti fir-rigward ta' strutturi, servizzi u utilitajiet stabbiliti.

Dan l-approċċ jittratta s-sit bħala żona ta' art li teħtieġ dejta ta' referenza (jiġifieri s-sit huwa ttrattat bħala entità waħda u l-arranġament tat-tqassim tal-installazzjoni jew ir-riskji speċifiċi ppreżentati mit-tankijiet, l-impjan-tazzjoni tal-ipproċessar eċċ. m'għandhomx għalfejn jitqiesu). Fl-adozzjoni ta' approċċ bħal dan, se tkun meħtieġa deċiżjoni minn qabel dwar x'għandha tkun il-probabbiltà li jiġi identifikat it-tniġġis f'kull każ, wara li tiġi kkunsidrata l-ħtieġa ta' għadd inevitabilment akbar ta' kampjuni u l-ispejjeż assoċjati biex tinkiseb probabbiltà ogħla.

Inċertezzi assoċjati ma' dejta dwar il-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art

Fir-rigward tal-inċertezzi assoċjati ma' dejta dwar il-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art kemm għal teħid ta' kampjuni mhux immirat kif ukoll dak immirat, hemm żewġ elementi importanti li jridu jitqiesu:

- (i) Ġbir ta' dejta ta' referenza dwar l-ilma ta' taħt l-art: Il-kundizzjonijiet ta' taħt l-art jistgħu jinbidlu aktar malajr mill-kundizzjonijiet tal-ħamrija u l-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art hija soġġetta għal tibdil u varjazzjoni minħabba fatturi esterni għall-proċess permes, s bħall-varjazzjoni staġjonali fil-livell u l-kwalità tal-ilma ta' taħt l-art, sorsi ta' tniġġis oħra, il-migrazzjoni ta' traċċi ta' kontaminant, bidliet fil-valur tal-pH jew il-potenzjali ta' tnaqqis u ossidazzjoni tal-akwiferu, okkorrenzi ta' xita qawwiya, eċċ. It-teħid ta' kampjuni ta' aktar minn sett wieħed ta' dejta dwar l-ilma ta' taħt l-art biex jiġi stabbilit stat ta' referenza (eż. sett ta' riżultati ta' monitoraġġ ta' kull tliet xhur li jkopri perjodu ta' sena bħala minimu) jista' jtejjeb b'mod sinifikanti l-fiduċja li bis-saħħa tagħha operatur jista' jirrapporta stat ta' referenza tal-ilma ta' taħt l-art.
- (ii) Użu ta' tekniki ta' analiżi ta' dejta statistika għall-valutazzjoni tad-dejta dwar il-ħamrija: Il-metodi statistiċi jistgħu jgħinu fil-kwantifikazzjoni tal-inċertezza marbuta ma' stimuli tal-konċentrazzjoni medja jew medjana tal-kontaminanti fil-ħamrija u b'hekk jipprovdu bażi aktar informata għat-teħid tad-deċizzjonijiet mill-assessuri u r-regolaturi tas-sit. Il-konċentrazzjonijiet imkejla tal-kontaminanti miksuba matul investigazzjoni ta' sit jistgħu jitqabblu ma' "konċentrazzjoni kritika" jew indikatur tar-riskju ddefiniti mill-utent.

Jekk se jintużaw metodi statistiċi, id-dejta miksuba matul l-investigazzjoni għandha tiġi vvalutata bħala adattata għal dan l-iskop (eż. dejta suffiċjenti minn fond u postijiet xierqa u ta' kwalità konsistenti). L-użu ta' dan l-approċċ jirrikjedi mudell kunċettwali żviluppat, kif deskritt fl-Istadju 6, li mbagħad jinforma l-istrateġija ta' teħid ta' kampjuni meħtieġa biex tinġabar dejta adatta għall-analiżi statistika

Analiżi tal-kampjuni

Biex tkun żgurata l-komparabilità tar-riżultati tal-investigazzjoni ta' referenza ma' dawh meħuda f'data aktar tard, għandhom jiġu applikati metodi vvalidati ta' analiżi (jiġifieri prova formali u ddokumentata li metodu analitiku huwa adattat għall-iskop maħsub u huwa preċiż u riproduċibbli). Fejn jeżistu standards CEN jew ISO, jew fin-nuqqas tagħhom, standards nazzjonali, dawn għandhom jiġu applikati.

Ir-rekwiżit essenzjali hu li l-prestazzjoni analitika tal-metodi użati fil-kompilazzjoni tar-rapport ta' referenza u fl-evalwazzjoni tas-sit mal-waqfien definittiv ikunu direttament komparabbli ma' xulxin. Huwa partikolarment importanti li l-ambitu u l-irkupru tad-determinant(i) fil-metodu jkunu direttament komparabbli. Speċjalment peress li l-aħjar Prattika tal-laboratorju tista' tinbidel maż-żmien, huwa ta' importanza kbira li jkun żgurat li l-metodi ta' analiżi użati jiġu deskritti adegwatament sabiex jinfurmaw analiżi futura kif meħtieġ skont l-IED.

Huwa possibbli li, wara investigazzjoni għall-ġbir ta' dejta ta' referenza dwar il-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art, investigazzjoni ulterjuri tista' tkun meħtieġa, pereżempju jekk l-investigazzjoni identifikat tniġġis storiku (b'riżultat ta' attivitajiet permessi jew mod ieħor) li jeħtieġ delineazzjoni u rimedju ulterjuri.

Wara investigazzjoni tas-sit jistgħu jkunu meħtieġa mudelli kunċettwali ulterjuri jew aġġornati kif deskritt fl-Istadju 6.

5.8. Stadju 8: Produzzjoni tar-rapport ta' referenza

L-għan ta' dan l-istadju huwa li jiġbor fil-qosor l-informazzjoni evalwata kollha miġbura fl-Istadji 1-7 biex jipproduċi rapport li jidentifika l-istat ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art minn sustanzi perikolużi rilevanti. Ir-rapport ta' referenza nnifsu għandu jipprovdi stampa preċiża u deskrizzjoni ċara dwar liema dejta ntużat sabiex isir magħruf l-istat tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art, liema metodi jkunu ġew użati għat-teħid tal-kampjuni u tal-analiżi tas-sottostrat u kif ġew ivverifikati r-riżultati, statistikament jew metodoloġikament. Għandu, essenzjalment, jiddeskrivi b'mod ċar serje ta' azzjonijiet li huma kompletament riproduċibbli mal-waqfien tas-sit flimkien mar-riżultati sabiex jista' jkun hemm tqabbil kwantifikat. Lista ta' kontroll hija inkluża fl-Appendiċi ta' dan id-dokument għal dan l-għan.

Fejn ikun hemm sustanzi li potenzjalment jistgħu jniġġsu, ir-rapport ta' referenza għandu jidentifika ma' liema saffi jew korpi tal-ilma ta' taħt l-art huma assoċjati, u għandu jiddeskrivi l-konċentrazzjoni, in-natura u l-firxa tagħhom. Dikjarazzjoni ċara dwar liema sustanzi perikolużi rilevanti ma jkunux preżenti hija importanti daqs-kemm huwa importanti li jiġu identifikati dawk li huma preżenti.

Ir-rapport ta' referenza għandu:

- jiġi ppreżentat f'format loġiku u strutturat;
- jinkludi informazzjoni suffiċjenti biex jiġu stabbiliti l-ambitu u l-impatt tal-attività jew attivitajiet attwali koperti mill-permess, inklużi d-dati rilevanti kollha tal-kejl tal-ħamrija u tal-ilma ta' taħt l-art;
- jipprovi deskrizzjoni ċara u preċiża tal-approċċi użati u r-riżultati miksuba mill-valutazzjoni kif ukoll il-post ta' kwalunkwe xogħlijiet intrużivi, bjar u boreholes, u punti oħra ta' teħid ta' kampjuni skont sistema standardizzata ta' referenzjar ġeografiku;
- jipprovi deskrizzjoni ċara tat-tekniki analitiċi użati biex jiġu stabbiliti l-konċentrazzjonijiet ta' sustanzi perikolużi fil-ħamrija u fl-ilma ta' taħt l-art, b'referenza fejn xieraq għal standards nazzjonali jew internazzjonali użati, kif ukoll kwalunkwe gwida mogħtija mill-Istati Membri li kienet teżisti fiż-żmien tal-investigazzjoni;
- jiddikjara l-inċertezzi xjentifiċi u l-limitazzjonijiet tal-approċċ adottat fil-preparazzjoni tar-rapport;
- jinkludi d-dejta teknika rilevanti kollha (kejl, ċertifikati ta' kalibrar, standards analitiċi, akkreditazzjonijiet, mapep, reġistrazzjonijiet ta' teħid ta' kampjuni eċċ...) sabiex jiġi żgurat, mal-waqfien finali, li jista' jsir tqabbil kwantifikat validu.

Il-varjazzjoni fit-tip, fil-profondità u l-preżentazzjoni tar-rapporti ta' referenza bejn l-attivitajiet differenti koperti mill-IED hija mistennija u aċċettabbli sakemm jibqa' possibbli li jiġi determinat b'mod adegwat l-istat tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija u l-ilma ta' taħt l-art minn sustanzi rilevanti perikolużi fil-mument li jifassal ir-rapport.

Appendiċi

Lista tal-kontroll għall-investigazzjoni u għar-rapport ta' referenza

<p>DEĊIŻJONI DWAR JEKK HUX MEĦTIEĠ RAPPORT TA' REFERENZA</p> <p>Identifikazzjoni tas-sustanzi perikolużi użati, prodotti jew rilaxxati fl-installazzjoni</p> <p>Valutazzjoni biex tidentifika dawk is-sustanzi perikolużi li huma kapaċi ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija jew tal-ilma ta' taħt l-art (sustanzi perikolużi rilevanti)</p> <p>Identifikazzjoni tal-possibilità ta' sustanzi perikolużi rilevanti li fil-fatt joħlqu kontaminazzjoni</p> <p>Identifikazzjoni ta' xi sorsi possibbli ta' kontaminazzjoni storika</p>
<p>DETTALJI TA' ĠBIR TA' DEJTA</p> <p>Dejta eżistenti</p> <p>Pjanijiet rilevanti tal-installazzjoni (li juru l-konfini u l-punti ewlenin ta' interess).</p> <p>Analiżi u sinteżi ta' rapporti preċedenti, b'referenzi għar-rapport</p> <p>Sommarju ta' kwalunkwe valutazzjoni tar-riskju mwettqa fuq is-sit ta' installazzjoni rilevanti għall-ġbir tad-dejta ta' referenza</p> <p>Investigazzjoni dwar is-sit</p> <p>Ġustifikazzjoni għall-investigazzjoni — tista' tinkludi lista ta' sorsi potenzjali ta' kontaminant rilevanti għal kull post ta' investigazzjoni propost</p> <p>Restrizzjonijiet applikabbli għat-tqassim tal-postijiet ta' investigazzjoni ta' siti</p> <p>Metodi użati għat-tiswir ta' toqob esploratorji, eż. boreholes, ħofor ta' prova, window samples</p> <p>Metodi użati għall-ġbir, il-preservazzjoni u t-trasport tal-kampjuni lil-laboratorju analitiku</p> <p>Monitoraġġ u teħid ta' kampjuni</p> <p>Ġustifikazzjoni għall-istrateġija ta' teħid ta' kampjuni, eż. jekk tkun immirata, il-ġustifikazzjoni tal-miri; jekk mhux immirata, il-ġustifikazzjoni għall-ispazjar u t-tqassim</p> <p>Deskrizzjoni u spjegazzjoni tal-programmi ta' monitoraġġ għall-ilma ta' taħt l-art u l-ilmijiet tal-wiċċ</p> <p>Detalji ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' kampjuni, inklużi l-lokalitajiet, il-fond u l-frekwenzi</p> <p>Analiżi</p> <p>Ġustifikazzjoni għall-għażla ta' metodi analitiċi</p> <p>Deskrizzjoni u prestazzjoni ta' metodi analitiċi.</p>
<p>PREŻENTAZZJONI U INTERPRETAZZJONI TAD-DEJTA FIT-TEST TAR-RAPPORT</p> <p>Deskrizzjoni ta' kundizzjonijiet misjuba fuq il-post, inklużi r-reġim tal-ilma ta' taħt l-art u l-karatteristiċi tal-ilma tal-wiċċ</p> <p>Tabelli sommarji tal-analiżijiet kimiċi u monitoraġġ tas-sit</p> <p>Deskrizzjoni tat-tip, in-natura u d-distribuzzjoni spazjali tal-kontaminazzjoni, bil-pjanti fejn xieraq</p> <p>Analiżi tas-sett tad-dejta u derivazzjoni ta' konċentrazzjonijiet rappreżentattivi għall-kontaminanti individwali sa livell xieraq ta' importanza</p> <p>Evalwazzjoni ta' riżultati ta' investigazzjoni tas-sit bi tqabbil mal-abbozz tal-mudell kunċettwali</p>

PREŻENTAZZJONI TA' DEJTA PRIMARJA (ANNEX GĦAR-RAPPORT)

Pjan li juri l-punti ta' monitoraġġ u ta' teħid ta' kampjuni

Deskrizzjoni ta' xogħlijiet tas-sit u osservazzjonijiet fuq il-post

Reġistrazzjoni ta' esplorazzjoni bil-boreholes u tħaffir

Dettalji taż-żona ta' reazzjoni u dettalji oħrajn ta' kostruzzjoni ta' installazzjonijiet ta' monitoraġġ ta' boreholes

Riżultati tal-monitoraġġ

Deskrizzjoni tal-kampjuni sottomessi għall-analiżi

Dejta dwar Garanzija tal-Kwalità/Kontroll tal-Kwalità rilevanti — din tista' tinkludi akkreditazzjonijiet tal-persunal, ċertifikati ta' kalibrazzjoni tat-tagħmir, akkreditazzjonijiet tal-laboratorju (standards nazzjonali u internazzjonali)

Rapporti analitiċi tal-laboratorju, konklużi skont id-dejta dwar il-Garanzija ta' Kwalità/Kontroll tal-Kwalità rilevanti, inklużi standards rilevanti ta' metodi ta' ttestjar jew analitiċi internazzjonali.

Katina ta' reġistrazzjonijiet ta' kustodja għall-kampjun u għad-dejta miġbura.

INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

Lista tal-awtoritajiet kompetenti fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2009/39/KE dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/C 136/04)

Skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari⁽¹⁾, il-Kummissjoni qed tippubblika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea l-lista tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-finijiet ta' dik id-Direttiva.

Lista tal-awtoritajiet kompetenti

Lista tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-oġġetti tal-ikel għal użu ta' nutriment partikolari

Stat Membru	L-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	
	Awtorità kompetenti	Dettalji ta' kuntatt
Il-Belġju	Service public fédéral Santé publique, Sécurité de la Chaîne alimentaire et Environnement - Direction générale Animaux, Végétaux et Alimentation – Service des Denrées alimentaires, Aliments pour Animaux et Autres Produits de Consommation/ Federale overheidsdienst Volksgezondheid, Veiligheid van de Voedselketen en Leefmilieu - Directoraat-generaal Dier, Plant en Voeding – Dienst Voedingsmiddelen, Dierenvoeders en Andere Consumptieproducten	Eurostation - Place Victor Horta, 40/10 1060 Brussell
Il-Bulgarija	Дирекция Обществено здраве Отдел Опазване на общественото здраве	5, Sveta Nedeliya sq. 1000 Sofia
Ir-Repubblika Ċeka	Ministerstvo zdravotnictví Odbor ochrany veřejného zdraví Oddělení hygieny výživy a předmětů běžného užívání	Palackého náměstí 4 128 01 Praha 2
Id-Danimarka	Fødevarestyrelsen	Stationsparken 31-33 2600 Glostrup
Il-Ġermanja	Bundesamt für Verbraucherschutz und Lebensmittelsicherheit (BVL)	Department 1 - Unit 101ff General Affairs of Food Food of Non-Animal Origin P.O.B. 110260 10832 Berlin
L-Estonja	Veterinaar- ja Toiduamet Toiduosakond	Väike-Paala 3 11415 Tallinn
L-Irlanda	Food Safety Authority of Ireland	Abbey Court Lower Abbey Street Dublin 1

⁽¹⁾ ĠUL 124, 20.5.2009, p. 21.

Stat Membru	L-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	
	Awtorità kompetenti	Dettalji ta' kuntatt
Il-Greċja	Υπουργείο Υγείας Εθνικός Οργανισμός Φαρμάκων	284 Messogion str. 15562 Cholargos
Spanja	Ministerio de Sanidad, Servicios Sociales e Igualdad Agencia Española de Seguridad Alimentaria y Nutrición	Alcalá 56 28071 Madrid
Franza	DGCCRF Bureau 4 A - Nutrition et information sur les denrées alimentaires	59, bd Vincent Auriol Télédoc 223 75703 Paris Cedex 13
Il-Kroazja	Ministarstvo zdravlja Uprava za sanitarnu inspekciju Sektor državne i granične sanitarne inspekcije	Odjel za hranu Ksaver 200 10000 Zagreb
L-Italja	Ministero della Salute Dipartimento Sanità pubblica veterinaria, Sicurezza alimentare e Organi collegiali per la tutela della salute Direzione Generale Igiene, Sicurezza Alimenti e Nutrizione	Viale Giorgio Ribotta 5 00144 Roma
Ċipru	Ιατρικές Υπηρεσίες και Υπηρεσίες Δημόσιας Υγείας Υπουργείο Υγείας	1 Prodromou and 17 Chilonos Street 1448 Nicosia
Il-Latvja	Pārtikas un veterinārais dienests Novērtēšanas un reģistrācijas departaments Pārtikas produktu reģistrācijas daļa	Peldu street 30 1050 Riga
Il-Litwanja	Sveikatos apsaugos ministerija	Vilniaus str. 33 01506 Vilnius
Il-Lussemburgu	Ministère de la santé Direction de la santé-Service de la sécurité alimentaire	9 avenue Victor Hugo 1750 Lussemburgu
L-Ungerija	Országos Élelmezés- és Táplálkozástudományi Intézet (OÉTI)	Albert Flórián út 3/a H - 1097 Budapest Mailing address: Box 839 1437 Budapest
Malta	Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA) Technical Regulations Division - Regulatory Affairs Directorate	Mizzi House National Road HMR 9010 Blata l-Bajda
Il-Pajjiżi L-Baxxi	Nederlandse Voedsel en Waren Autoriteit	Postbus 43006 3540 AA Utrecht
L-Awstrija	Bundesministerium für Gesundheit	Unit II/B/13 Radetzkystr. 2 1030 Vienna
Il-Polonja	Główny Inspektorat Sanitarny Departamentu Żywności Prozdrowotnej	65 Targowa St. 03-729 Warsaw
Il-Portugall	Direcção-Geral de Alimentação e Veterinária (DGAV) Direcção de Serviços de Alimentação e Nutrição (DSNA)	Largo da Academia Nacional de Belas Artes, n.º 2 1249-105 Lisboa

Stat Membru	L-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2009/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	
	Awtorità kompetenti	Dettalji ta' kuntatt
Ir-Rumanija	Ministerul sănătății	Intr. Cristian Popișteanu, nr. 1-3 Sector 1 010024 București
Is-Slovenja	Ministrstvo za zdravje Sektor za obvladovanje nalezljivih bolezni, hrano in okolje	Štefanova 5 1000 Ljubljana
Slovakka	Odbor hygieny výživy, bezpečnosti potravín a kozmetických výrobkov Úrad verejného zdravotníctva Slovenskej republiky	Trnavská cesta 52 826 45 Bratislava
Il-Finlandja	Elintarviketurvallisuusvirasto	Mustialankatu 3 00790 Helsinki
L-Isvezja	Livsmedelsverket	Box 622 751 26 Uppsala
Ir-Renju Unit	Department of Health	Richmond House 79 Whitehall London, SW1 A 2NS Correspondence and Public Enquiries Unit
L-Islanda	Matvælastofnun	Austurvegur 64 800 Selfoss
In-Norveġja	Mattilsynet	Head office P.O. P.O. Box 383 2381 Brumunddal

